Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,312, 11 ta' Settembru, 2024
Taqsima B

A.L. 226 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għal Pre-Tertiary Certificate in Agriculture taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għal Pre-Tertiary Certificate in Agriculture taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"iċ-Ċertifikat" tfisser il-Pre-Tertiary Certificate in Agriculture; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għal Pre-Tertiary Certificate in Agriculture.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex jidħlu fil-Kors, l-applikanti għandhom ikunu għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi grad 5 jew aħjar f'dawn li ġejjin:

(i) kwalunkwe ŻEWĠ suġġetti mill-Lingwa Ingliża, il-Matematika, jew il-Malti; u

(ii) kwalunkwe suġġett WIEĦED mill-Kimika, il-Bioloġija, l-Istudji Ambjentali, l-Agribusiness, il-Ġeografija, il-Fiżika, l-Ekonomija, il-Business Studies jew l-Information Technology; u

(iii) kwalunkwe suġġett ieħor.

(2) Suġġett għall-approvazzjoni tal-Bord, l-applikanti li ma jkollhomx il-kwalifiki indikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament iżda jkollhom kwalifiki oħra f'qasam ta' studju relatat mal-Agrikultura jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll.

(3) L-applikanti kkunsidrati "Studenti Adulti" (studenti maturi) skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-Bord li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. Dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jissottomettu mal-applikazzjoni tagħhom ittra miktuba bl-Ingliż li tagħti l-motivazzjoni tagħhom għax applikaw għal dan il-Kors flimkien ma' kopja tal-*Curriculum Vitae* (C.V.) tagħhom.

(4) L-eliġibbilità tal-applikanti msemmija fil-paragrafi (2) u (3) ta' dan l-ordinament għandha tkun deċiża mill-Bord, wara intervista mmexxija minn bord maħtur għal dan il-għan.

(5) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn tal-anqas tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' semestru wieħed ta' studju full-time jew ta' żewġ semestri ta' studju part-time.

(2) Il-Bord tal-Istudji jista' jħalli lill-istudenti li ma jikkwalifikawx għaċ-Ċertifikat jirrepetu l-Kors darba biss.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti f'taqsmiet-studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

(2) Suġġett għal tibdliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet-studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

L-Għoti taċ-Ċertifikat

6. (1) L-istudenti għandhom ikunu kkunsidrati li temmew il-Kors b'suċċess jekk jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5 ta' dawn l-ordinamenti.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.